# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA



**S5.1.**

Noti importanti fuq il-Birgu.

**Riċerka ta' Etienne Vella – Għajnsielem**

Il-Birgu hija l-eqdem belt fil-Kottonera.

Bħala peniżola (biċċa art forma ta' lsien fuq il-baħar) din il-belt minn dejjem kellha mportanza kbira ħafna bħala:

- ċentru kummerċjali fil-Port
- tiddefendi d-daħliet tal-Port il-Kbir,
- tiddefendi n-nies li jgħixu fil-belt imdawrin u protetti mis-swar.




L-istorja ta' din il-belt ilha ġejja minn żmien ir-Rumani, l-Għarab u fl-aħħar ġie ż-żmien l-aktar importanti, dak tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta fl-1530 ma ridux joqogħdu l- Imdina minħabba li kienet 'il bogħod wisq mill-baħar. Huma għażlu li joqogħdu l-Birgu billi din kienet qrib il-baħar.



Hawn fil-Birgu l-Kavallieri bnew ħafna bini importanti fosthom sar tkabbir u tisħiħ f'kastell Sant Anġlu li ġie mdawwar ukoll bi swar, knisja ġdida ta' San Lawrenz, il-palazz tal-Inkwiżitur u anke diversi bereġ. Bereġ huma djar tal-Kavallieri.

**Il-Kastell Sant' Anġlu**: Dan ix-xogħol sar b'reqqa u fil-fatt fl-Assedju l-Kbir din il-belt felħet għall-ħbit tat-Torok li kellhom iċedu. Minn dan iż- żmien il-Birgu beda jissejjaħ ukoll **Città Vittoriosa** li tfisser **Belt ir-Rebħa**.

Madankollu ħafna mill-bini f'din il-belt ġarrab ħsarat kbar fl-aħħar gwerra dinjija (1939 –1945), minħabba li l-Birgu kien wieħed mill-aktar postijiet milquta. Dan ġara minħabba li l-għadu kien jitfa' l-bombi tiegħu fuq l-inħawi tal-Port il- Kbir.

## Postijiet ta' Interess fil-Birgu

Fis-Swar li jdawru l-Birgu nsibu ħafna bibien, iżda fost dawk l-aktar magħrufa huma dawk ta' qrib ix-xatt ta' San Lawrenz



- The 3 Gates
- Advanced Gate
- Couvre Porte
- Main Gate.

## Il-Palazz tal-Inkwiżitur



Palazz kbir mibni mill-kavallieri ftit wara li waslu Malta biex iservi bħala Qorti u ħabs. Wara dan ġie f'idejn il-Qorti tal-Knisja. Kull min kien jiġi rrapurtat għal xi għemil ħażin kien jiġi kkastigat permezz tat- tortura jew magħluq fiċ-ċelel żgħar.



## Pjazza tar-Rebħa

Hawn naraw statwa sabiħa ta' San Lawrenz li huwa l-patrun tal-Birgu u statwa oħra ta' Malta Rebbieħa.

## Is-Seba' Bereġ tal-kavallieri

F'din il-Belt il-Kavallieri kellhom diversi bereġ (djar) fosthom tal-Ingilterra, Provenza, Franza, Aragona, l-Italja, il-Ġermanja u l-Portugall. Minħabba li l-Kavallieri kienu ġejjin minn pajjiżi differenti kienu jiltaqgħu skont in-nazzjonalità tagħhom f'dawn il-bereġ. Dawn baqgħu jintużaw sa meta l-Kavallieri marru fil-Belt Valletta fejn hemm reġgħu bnew il-Bereġ.

## Is-Sacra Infermeria

Dan kien iservi bħala Sptar tal-Kavallieri. Minħabba li l- Kavallieri kienu jiġġieldu ħafna dejjem kienu jibnu sptar fejn ikunu biex idewwu dawk li jweġġgħu fil-battalji. Illum dan iservi bħala kunvent tas-sorijiet tal-klawsura Benedittini.

## Ix-Xatt tal-Birgu u l-Yacht Marina



Hawn jinsab il-post l-aktar viċin tal-baħar b'dehra sabiħa b'ħafna b'mijiet ta' yachts u dgħajjes.

## Monument tal-Ħelsien

Dan huwa monument li jfakkar l- għeluq tal-bażi Ingliża f'Malta. (31 ta' Marzu 1979)

## Il-Knisja tal-Birgu



Huwa ddedikata lil San Lawrenz martri. Il-Knisja ta' San Lawrenz kienet it-tieni knisja li saret parroċċa wara l-Kaditral ta l-Imdina. Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta (1530) huma għamlu l-Birgu bħala l-belt ewlenija tagħhom u l-knisja ta' San Lawrenz saret il- knisja prinċipali tagħhom. Huma kienu jsejħulha il-knisja konventwali.

Ta' min jgħid li matul is-snin sar ħafna tibdil u tkabbir f'din il-knisja sakemm inbniet waħda ġdida fi żmien il-Kavallieri wara li l-knisja qadima ġarrbet ħsarat kbar waqt nirien li ħakmuha. Il-knisja kif narawha illum għandha disinn ta Lorenzo Gafà (l-istess perit li għamel id-disinn tal-Katidral tal- Imdina u l-Katidral taċ- Ċittadella). Il-festa ta' San Lawrenz issir fl-10 ta' Awwissu. Mal-knisja hemm ukoll mużew ta' oġġetti sagri antiki.

## Il-Collachio

Il-Collachio kienet biċċa mill-belt tal-Birgu riservata għall-Kavallieri biss.

## Il-Manderaggio



Bejn il-Kastell Sant Anġlu u l-Birgu, il-Kavallieri ħaffru Manderaggio jew aħjar mandraġġ. Hawn il-Kavallieri kienu jdaħħlu d-dgħajjes (xwieni) tagħhom waqt xi attakk mill-għedewwa.



## Il-Kastell/Forti Sant' Anġlu

Dan hu l-aktar post importanti fil-Birgu. Il-Feniċi bnew tempju lil Hammuna fil-ponta tal-Birgu, fil-post fejn illum hemm il-Forti/Fortizza Sant' Anġlu. L-Għarab kissruh u floku bnew kastell. Wara l-Għarab in-Normanni saħħew il-kastell u x'aktarx illi bnew fih kappella ddedikata lill-Madonna. Fis-seklu 15 inbniet kappella oħra ddedikata lil Sant' Anna. Fi żmien il-Kavallieri dan il-Kastell ingħata dehra ġdida billi ġie msaħħaħ u mkabbar u anke mdwwar bis-swar.



## It-toroq tal-Birgu

Dawn jixbħu ħafna lil dawk tal-Imdina. Toroq dojoq biex jagħmluha aktar diffiċli għall-għadu li jidħol fil-bejt.

**Il-Mużew Marittimu**

Dan huwa mużew fejn fih insibu affarijiet marbutin mal-baħar u d-dgħajjes li kellhom xi rabta navali mal-istorja ta' Malta.





**Swar fil-Birgu**

Il-Birgu huwa mdawwar bis-swar kemm minn fuq il-baħar kif ukoll minn fuq l-art. Swar għoljin u b'saħħithom li dejjem ipproteġew lill-Maltin. Il-Birgu hija belt li qatt ma ġiet mirbuħa mill-għadu.

**Kompli dawn is-sentenzi.**

1. Il-Birgu hu wieħed ______________ ibliet.
2. Il-Forti Sant'Anġlu jinsab ______________ tal-Birgu.
3. In-nies tal-Birgu jiċċelebraw il-festa ta' ______________ fl-10 t'Awissu.
4. Max-xatt tal-Birgu nsibu ______________ u ______________.
5. Min kien jeħodha kontra t-tagħlim tal-knisja kien jitressaq quddiem ______________ .
6. Il-kappella ta' Sant'Anna tinsab ġo ______________ .
7. Il-kavallieri kellhom ______________ bereġ fil-Birgu.
8. Fil-Mużew Marittimu naraw affarijiet marbutin mal-______________ .
9. Lorenzo Gafa kien il-______________ li għamel ______________ tal-______________ Birgu.
10. Faċċata tal-knisja hemm ______________ .